MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 1303/2002/1

**Lloyds Malta Limited bhala rapprezentant "*ex lege*" ta' J R N Collyear, membru ta' Lloyds li jifforma s-"syndicate" estera li ggib in-numru 1243 u topera bhala Euclidian Underwriting Limited u Millenium Insurance Agency Limited bhala rapprezentant lokali ta' l-istess "syndicate" estera Euclidian Underwriting Ltd kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Michelle Zammit ezercenti l-kummerc bl-isem Electron Computers**

**v.**

**AirMalta plc**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici li tghid hekk:
"Peress illi l-assikurat ta' l-atturi importat zewg *cartons* kontenenti "*computer parts*" (Dok. A u Dok. B) li kellhom jigu trasportati fis-7 ta' April 2002 lejn Malta mis-socjeta` konvenuta permezz ta' titjira Nru. KM513 minn Vjenna (Dok. C);

"Peress illi wara l-wasla ta' l-ajruplan f'Malta, il-merkanzija kellha tibqa' fil-kustodja ta' l-istess socjeta` konvenuta sakemm tigi rtirata mill-importatur;

"Peress li meta l-importatur mar biex jirtira l-merkanzija minghand is-socjeta` konvenuta, din ma kkonsenjatx il-merkanzija ghax kienet nieqsa;

"Peress illi l-merkanzija importata kellha kopertura assikurativa ma' l-attur, u dawn, kif obbligati, ghan-nuqqas li garrab l-importatur, assikurat taghhom, hallsu u indennizzawh bl-ammont ta' disat elef disa' mija hamsa u ghoxrin lira (Lm9925) u ghalhekk kienu surrogati fid-drittijiet tieghu (Dok. D);

"Peress illi ghan-nuqqas fuq riferit hija responsabbli s-socjeta` konvenuta;

"Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghadhiex:

"1. tiddikjaraha responsabbli ghan-nuqqas fuq imsemmi; u

"2. tikkundannaha sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' disat elef disa' mija hamsa u ghoxrin lira (Lm9925) in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lill-atturi bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

"Bl-ispejjez, kontra s-socjeta` konvenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
"1. Preliminarjament l-azzjoni hija perenta stante li ma saritx *complaint* jew *claim* ai termini ta' l-Artikolu 12.1.4 tal-*Airway bill* fi zmien mija u ghoxrin gurnata (120) mill-wasla tal-ajruplan li fuqu allegatament kellha tigi ttrasportata l-merkanzija *de quo*.

"2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit l-attrici nomine trid tipprova li l-eccipjenti hija b'xi mod responsabbli ghan-nuqqasijiet allegatament sofferti mill-assikurata taghha.

"3. Totalment minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit f'kaz li l-eccipjenti tinzamm responsabbli ghan-nuqqasijiet allegatament sofferti, ghandu [recte: ghandha] japplika [tapplika] l-klawsola ta' *limitation of liability* skond il-konvenzjoni ta' Varsavja li tistipula li r-responsabilita` tal-*carrier* hi ta' ghoxrin dollaru Amerikan (US$20) ghal kull kilo ta' merkanzija ddikjarat mix-*shipper*, f'dan il-kaz mija u erbgha u hamsin dollaru u erbghin centezmu (US$154.40).

"Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli mill-ligi."

Rat is-sentenza mghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Jannar 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi laqghet it-talbiet attrici bl-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta` konvenuta;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi qabel ma tittratta l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, il-Qorti ser tesamina d-deposizzjonijet tax-xhieda prodotti bil-ghan illi tinghata stampa cara ta' dak li gara u ta lok ghall kawza.

"Fls-seduta tat-12 ta' Dicembru 2003 xehed Joseph Mallia li huwa ufficjal ta-socjeta` assikuratirici Millenium illi kkonferma l-*air way bill* esebit bhala dak in kwistjoni u Michelle Zammit li hija l-proprjetarja tas-socjeta` Electron

Computers, li qalet li meta l-burdnar taghhom mar jigbor il-konsenja in kwistjoni, qalulu li l-oggetti ma kinux hemm; qalet li informaw lill-konvenuti permezz ta' l-ittra li ntbghatet lill-konvenuti fl-10 ta' April, 2002. Fuq dan il-punt sar hafna enfasi fil-kontro-ezami.

"Fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2004, xehed Saviour Mallia ufficjal tal-*cargo* ta' l-Air Malta illi qal li ghalkemm huma informaw lill-agent taghhom fi Vienna li l-merkanzija in kwistjoni ma waslitx, ma kellhom ebda risposta minghand dan l-agent. Qal li ma kinux gew informati minn Electron illi l-merkanzija ma waslitilhomx. Xehed ukoll fis-seduta tat-23 ta' April 2004, fejn qal li l-*airway bill* jindika li l-oggetti kellhom ikunu fuq il-*flight* in kwistjoni tant li d-dokumenti waslu mat-titjira. Il-Manifest pero` indika li l-oggetti ma waslux. Qal li kieku l-oggetti waslu kien ikun irrekordjat fuq il-manifest, *invece* dan jghid li NRB – *Not Received in Bond.* Skond id-dokument a fol 67, Electron ircevew minghand l-agenti taghhom il-konferma li l-oggetti gew konsenjati abbord l-ajruplan in kwistjoni. A fol 73 gie esebit document li jindika li l-Air Malta iddikjarat li ma waslux l-oggetti in kwistjoni (*irregularity report*).

"Saviour Mallia rega' xehed fis-seduta tad-9 ta' Frar 2005 u nsista li qatt ma rcevew il-*claim* minghand Electron izda qal li xorta nformaw lill-ajruport ta'Vjenna bin-nuqqas ta' l-oggetti. Skond hu, wara tmienja u erbghin siegha huma jibghatu jinformaw lill-*airport of origin* bin-nuqqas. Fis-seduta tat-2 ta' Mejju, 2005 rega' ikkonferma illi ma rcevewx id-dokument a fol. 72 tal-process. Fuq domanda tal-Qorti qal li anke jekk id-dokument ma jkunx indirizzat direttament lill-Cargo Section, dan xorta jitwassal ghandhom jekk jasal ghand Air Malta.

"L-EWWEL ECCEZZJONI;

"L-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li l-azzjoni hija perenta ghax l-assikurat ta' l-atturi naqas li jinforma lill-Air Malta bin-nuqqas tal-merkanzija ossija ma ghamlux *claim* lill-Air Malta. Dwar dan hemm insistenza li ntbaghtet l-ittra esebita a fol. 72 u 20 tal-process da parti ta' l-atturi. Il-konvenuti fin-nota ta' l-osservazjonijiet taghhom jitfghu

dell fuq din l-ittra u anke kwazi allegaw illi din giet ‘mahluqa’ wara li bdiet il-kawza meta allura l-atturi gew iffacjati mill-eccezzjoni. Ghandu jinghad li hu kurjuz il-fatt li Michelle Zammit ma tantx kienet posittiva dwar il-mod li baghtet id-dokument u kellha dubbju jekk intbaghtx bil-posta jew *b’fax* izda lejn l-ahhar tax-xhieda taghha qalet li x’aktarx li baghtet fax. Hemm imbaghad id-data ndikata fuq nett tad-dokument li jindika li ntbaghat f’Mejju 2002 u mhux f’April kif inhu datat. Madankollu l-Qorti ma tistax tiddeciedi dan il-punt fuq konstatazzjonijiet polizjeski izda skond ir-regoli dwar il-provi fil-ligi taghna. Biex jigi skartat dan id-dokument irid ikun hemm prova ta’ frodi li l-Qorti ma thossx li ngabet u l-fatt li l-Air Malta ma rcevitx id-dokument ma jfissirx li ma ntbaghtx u jista’ jkun ukoll li b’xi mod gie *mislaid* fl-ufficini taghhom stess. Ghalhekk l-eccezzjoni qed tigi michuda.

"IT-TIENI ECCEZZJONI;

"It-tieni eccezjoni hija fis-sens li trid issir prova ta’ negligenza jew xi nuqqas da parti tas-socjeta` konventa. Dan il-punt ma tantx ghandu bzonn ta’ indagini kbira ghaliex kienet ir-responsabilita` tal-konvenuti li jwasslu l-merkanzija Malta u mid-dokumenti jidher car li ghalkemm din twasslet ghandhom (fol 67) dan certament ma wasalx Malta kif anke jirrizulta mid-Dokumenti li esebew il-konvenuti. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

"IT-TIELET ECCEZZJONI;

"It-tielet eccezzjoni hija fis-sens li s-socjeta` konvenuta m’hijex tenuta thallas iktar mill-ammont kontemplat fil-konvenzjoni ta’ Warsaw. Il-partijiet jaqblu illi l-konvenzjoni tghid li din il-limitazzjoni ma tapplikax fejn il-vettural ikun responsabbli ta’ *wilful misconduct.*

"Huwa car illi dan il-kuncett ma jezistix fl-ordinament guridiku taghna. Il-Qrati Inglizi qalu li dan jeccedi n-negligenza anke l’hekk imsejjha *gross negligence*. Huwa car illi trid issir prova li l-konvenut kien hati ta’ nuqqas volontarju. Madankollu l-Qorti thoss li f’certi sitwazzjonijiet

l-affarijiet jitkellmu wahedhom – *res ipsa loquitur.* Ladarba saret il-prova li l-oggett twassal sal-pussess tal-konvenuti fi Vienna il-konvenuti ma jistghux jistriehu fuq xi *casus* u jaharbu mir-responsabilita’. Bil-fors li kien hemm nuqqas serju ghax hawn mhux si tratta ta’ xi oggett dannegjat izda ta’ zewg kaxex merkanzija li ma waslux u allura zgur kien hemm nuqqas ta’ xi att li kellu jsir u ma sarx da parti taghhom – anke jekk wiehed japplika il-parametri tas-sentenza Ingliza fil-kawza Thomas Cook vs Air Malta u cioe’ *a person willfully misconducts himself if he knows and appreciates that it is misconduct on his part in the circumstances to do or fail or omits to do something and yet intentionally does or fails or omits to do it.*

"Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda."

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` Air Malta plc li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti:
"joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza tat-30 ta' Jannar 2006, billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-kumpanija appellanta, tichad it-talbiet ta' l-appellanti nomine u fin-nuqqas, tirriforma u tbiddel is-sentenza appellata fis-sens li s-somma llikwidata tigi mnaqqsa ai termini tal-klawzola tal-*limitation of liability* skond il-Konvenzjoni ta' Varsavja, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati noe."

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom esposti, talbu c-cahda ta' l-appell tas-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` konvenuta;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li s-socjeta` Electron Computers ordnat zewg *cartons* kontenenti *computer parts* li kellhom jingiebu

Malta minn Vjenna fuq ajruplan tas-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` konvenuta hadet konsenja tal-merkanzija, kif jirrizulta mill-Air Way bill mahruga mill-agenti taghha fi Vjenna u li ggib bhala numru ta' riferenza 0200204001. Il-merkanzija kellha tingieb Malta fuq it-titjira numru KM513, izda meta din it-titjira waslet Malta, u s-socjeta` Electron Computers marret biex tiehu konsenja tal-merkanzija li kienet ordnat, giet infurmata li l-oggetti ma kenux hemm. Fil-fatt, jirrizulta li din il-merkanzija qatt ma ngiebet Malta u ma nghatat ebda spjegazzjoni ta' x'gara mill-istess merkanzija. Is-socjeta` importatrici, li kienet hadet hsieb tinxurja l-merkanzija, ghamlet *claim* minghand is-socjeta` assikuratrici, u din ta' l-ahhar, wara li onorat il-*claim* u giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat, ressqet din il-kawza biex titlob ir-rimbors ta' dak li halset, peress li qed tallega li s-socjeta` konvenuta kienet responsabbli ghat-telf ta' din il-merkanzija.

L-ewwel Qorti laqghet it-talbiet tas-socjeta` attrici, sabet lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni, u wara li qieset li l-klawsola ta' limitazzjoni tad-danni ma kenitx applikabbli f'dan il-kaz, ikkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas id-danni kif mitluba.

Is-socjeta` konvenuta appellanti ressqet zewg aggravji kontra s-sentenza ta' l-ewwel Qorti: (i) li ma giex ippruvat sufficjentement li hija kienet responsabbli ghan-nuqqasijiet lamentati; u (ii) li, f'kull kaz ghandha tigi applikata l-klawsola ta' *limitation of liability*, *ai termini* tal-Konvenzjoni ta' Varsavja.

Trattat l-ewwel aggravju, jirrizulta mill-provi li s-socjeta` estera minghand min is-socjeta` lokali xtrat il-*computer parts* ikkonsenjat il-merkanzija relattiva lill-agenti ta' l-Air Malta fl-ajruport ta' Vjenna. Dan jirrizulta mhux biss min stqarrija rilaxxata mis-socjeta` estera, izda fuq kollox mill-Air Way Bill mahruga fil-5 ta' April 2002, mill-agenti taghha fi Vjenna, u mill-*loading sheets* ta' l-istess Air Malta li wkoll jindikaw il-merkanzija in kwistjoni. Kwindi, jirrizulta ppruvat li s-socjeta` Air Malta plc hadet konsenja ta' din il-merkanzija u kwindi ghandha obbligu legali li trodd dik il-haga stess li tkun irceviet, fl-istat li din tkun tinsab fiz-

zmien tar-radd (Artikolu 1904(1) tal-Kodici Civili). Bhala fatt, dan ir-radd ma sarx, u ladarba l-oggetti kienu fil-pussess tas-socjeta` konvenuta, hi trid tiggustifika n-nuqqas. Kull deposzitarju huwa obbligat li jrodd l-oggett fdat f'idejh, u jekk jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa responsabbli ghat-telf jew hsara li tali nuqqas igib lil min ikun ghamel id-depozitu, salv f'kaz li jipprova l-kawza fortuwita bhala motiv ta' l-esenzjoni tieghu mill-hsara li ssofri l-haga depozitata; din il-prova trid issir minn min jeccepixxi din id-difiza (ara **Dimech v. Kummissarju tal-Pulizija**, deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' April, 1996).

Kif qalet din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Cordina Insurance Agency Ltd v. Air Malta plc**, deciza fl-1 ta' Novembru 2006,
"L-affidament tal-bagalji timporta li l-linja ta' l-arju ghandha wkoll bi dmir tikkustodilhom sal-wasla taghhom fid-destinazzjoni. Dan hu ben indott b'analogija mill-provvedimenti ta' l-Artikoli 1628 u 1629 tal-Kodici Civili, anke jekk dawn jirreferu solament ghall-vetturali bl-art jew bil-bahar;

"L-inosservanza ta' l-obbligi kontrattwali sija jekk ghandhom rapport mal-kuntratt tal-garr jew tad-depozitu, jew id-dewmien fl-ezekuzzojni taghhom jirrendi lil min hu hekk obbligat passibbli ghad-danni. Dan kemm taht l-imsemmija Konvenzjoni kif ukoll taht il-principji generali tad-dritt (Artikolu 1133, Kodici Civili)."

Ir-riferenza ghall-Konvenzjoni hija ghal dik ta' Varsavja invokata anke f'dan il-kaz. L-ghaqal fit-twettiq tad-dmirijiet tas-socjeta` konvenuta kien jitlob li meta l-merkanzija ghaddiet f'idejha bhala *handler*, hija kellha tara li, mill-waqt li hadet il-pussess tal-merkanzija sa ma tigi biex tirrilaxxja f'idejn ir-ricevitur, ma jkun gara xejn li bidel il-kundizzjoni taghha jew li tintilef.

Fl-ipotesi tad-depozitu salarjat, kif jidher li hu l-kaz hawnhekk, ir-rigur ta' tali kustodja hu fi grad izjed gholi u kien jimporta l-kompiment ta' attivita` specifika u l-adozzjoni ta' kawteli ghall-harsien tal-merkanzija u ta' l-interessi tas-socjeta` importatrici. Dan kif provdut fl-

Artikolu 1900 tal-Kodici Civili u kif ahjar spjegat f'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Ottubru 1962, fil-kawza fl-ismijiet **Zammit noe v. Camilleri noe**.

Mhix difiza li l-izball sar mill-agent taghha fl-ajruport ta' Vjenna, ghax il-kuntratt ta' trasport sar mas-socjeta` konvenuta u din twiegeb ghan-nuqqasijiet ta' kull min hu mqabbad minnha biex jassistiha fl-esekuzzjoni tal-kuntratt (ara **Farrugia v. Attard noe**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fit-28 ta' April 1998, u **Farrugia v. Direttur tas-Sigurta` Socjali**, deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2000).

Kwindi, l-ewwel aggravju tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud.

Is-socjeta` konvenuta tissottometti ulterjorment li, f'kull kaz, ghandha tapplika l-klawsola ta' *limitation of liability* skond il-Konvenzjoni ta' Varsavja li tistipula li r-responsabbilita` tal-*carrier* hi ta' US$20 ghal kull kilo ta' merkanzija ddikjarat mit-trasportatur. L-atturi ma jikkontestawx l-applikazzjoni ghal kaz ta' din il-Konvenzjoni, pero`, jsostnu li fit-terminu ta' l-Artikolu 25 ta' l-istess Konvenzjoni, il-*carrier* ma jistax jinvoka din il-klawsola ta' limitazzjoni ta' responsabbilita` "*if the damage is caused by wilful misconduct or by such default on his part as, in accordance with the law of the court to which the case is submitted, is considered to be equivalent to wilful misconduct".* (fit-test Franciz, f'kaz li n-nuqqas tkun rizultat ta' "*dol ou d'une faute qui lui est imputable et qui, d'apres la loi de la juridiction saise, est considere comme equivalente au dol*"). Fil-kamp Civili Malta ma hemmx in-nozjoni ta' "*wilful misconduct*", pero`, jezistu l-kuncetti ta' dolus u ta' *gross negligence* li hija ekwiparata ghad-dolus (ara **Zammit v. Petrococchino**, deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Frar, 1952).

Kif spjegat din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Atlas Insurance Agency Ltd noe v. Express Trailers Ltd**, deciza fit-18 ta' Mejju 2005, hemm differenza bejn il-kuncett ta' "*wilful misconduct*" kif mifhum f'gurisdizzjonijiet tal-*common law*, u l-kuncett ta' "dolus" kif mifhum fil-pajjizi

fejn jopera kodici civili.  Jinghad, f'parti mis-sentenza, b'referenza ghall-ktieb **Liability in International Air Transport**, ta' **Georgette Miller** (Ediz 1977 pagna 194 et seq), illi
*"English and American courts have emphasised the specific character of wilful misconduct, which is entirely different from negligence and goes far beyond it, however gross or culpable negligence might have been."*  Invece l-Qrati Francizi u certi gurisdizzjonijiet ohra (ara per ezempju d-decizjoni tal-Qorti Federali fl-Isvizzera fil-kawza **Deutsche Lufthansa v. Basler Transport Versicherungus Gesellschaft**, 14 ta' Novembru 1967) jadottaw b'ekwivalenti l-"*faute lourde*" ossija "*gross fault*". Din in bazi ghall-massima tad-dritt Ruman "*culpa lata dolo aequiparatur*".  Jekk allura din il-massima hi parti mil-*lex fori* l-vettural jirrinfaccja responsabilita` bla limitazzjoni. Ara wkoll specifikament fuq dawn il-koncetti l-opra ta' Hill and Messent, **CMR: Contracts for the International Carriage of Goods by Road**, Ed. 1984 pagna 152 *et sequitur*."

M'hemmx dubju, kif gia` intwera, li *dolus* u *culpa lata* huma kuncetti li jifformaw parti mil-ligi Maltija.

Fil-kawza msemmija, il-Qorti tat interpretazzjoni stretta ta' *dolus*;  qisitu agir ekwivalenti ghal "*criminal misconduct*" jew agir assocjat man-negligenza tal-professjonist, pero`, il-kuncett ta' dolus huwa aktar minn hekk.  Il-gurista **Giorgi**, "Teoria Delle Obbligazzioni" (Vol. II para. 35, pagna 63) jispjega l-kuncett ta' *dolus* u *culpa lata* b'dan il-mod:
*"Come la parola colpa, così la parola dolo ha un senso stretto e un senso largo.  Nel senso stretto significa frode, raggiro o macchinazione diretta ad ingannare:  e lo troviamo nell'articolo 1115, a proposito dei vizi di consenso.  Ma non è in questo, che si usa nella materia, di cui ragioniamo.  Nel senso più lato, in cui vogliamo adoperarla adesso, riguardo cioè al risarcimento del danno per inadempimento di obbligazioni, significa mala fede;  e sta a rincontro della colpa in senso proprio, cioè della negligenza scompagnata da mala fede.*

*Dolo e mala fede sono per conseguenza sinonimi nella materia che ci occupa; ed è per questa ragione, che negli articoli 1225, 1228 e 1229 del Codice nostro, i due nomi vengono adoperati l'uno per l'altro.*

*Una forma particolare di dolo dicemmo essere la colpa lata, della quale notammo due specie: la prima che verte nell'usare nell'adempimento dell'obbligazione diligenza minore, che negli affari propri; l'altra, la quale consiste nel mancare di quella diligenza, che è dote ordinaria e comune degli uomini."*

Agir b'mala fede, allura jikkonverti n-negligenza f'dolus. Kif ikompli jispjega l-**Giorgi** (op. cit. para 38 pagna 65),
*"Ogni qual volta il debitore abbia, non gia` per trascuraggine, ma con piena coscienza di non adempiere l'obbligazione, fatto, ossivero omesso, quello che per adempierla avrebbe dovuto omettere o fare, il debitore è in dolo. Nè per arrivare a siffatta conclusione è necessario dimostrare, che egli avesse l'intenzione di recar danno al creditore."*

Applikat dan il-kuncett ghall-kaz, m'hemmx dubju li s-socjeta` konvenuta kienet in *mala fede* meta naqset li tiehu dawk il-mizuri kollha mehtiega biex twassal il-merkanzija ghad-destinazzjoni taghha. Is-socjeta` konvenuta hadet konsenja taz-zewg *cartons* in kwistjoni, pero`, minn hemm 'il quddiem tilfet il-kontroll taghhom u ma tafx x'gara minnhom. Kumpanija inkarigata bi trasport ta' merkanzija trid ikollha rekord tal-moviment ta' dik il-merkanzija u kontrolli sufficjenti biex tara li l-merkanzija verament tkun qed issegwi l-process mehtieg ghat-trasport. F'dan il-kaz, is-socjeta` konvenuta baqghet ma tafx x'gara mill-merkanzija, u ppruvat anke titfa' dubju fuq jekk ircevietx il-merkanzija, u dan meta hemm l-Air Way Bill relattiva li tikkonferma l-accettazzjoni tal-merkanzija "*in apparent good order and condition (except as noted) for carriage*". L-Air Malta setghet biss tikkonferma li l-merkanzija ma waslitx Malta, pero`, x'gara minnha ma tafx u bil-kemm indenjat ruhha tinvestiga biex tipprova tara x'gara. Kif qalet din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Atlas**

**Insurance Ltd noe v. Concorde International Freight Forwarders Ltd**, deciza fit-3 ta' Ottubru 2007,
"Fil-fattispeci, is-sottrazzjoni jew trafugament tal-merkanzija turi nuqqas ta' dik l-akkortezza rigoruza fid-diligenza tas-socjeta` appellanti u allura din il-Qorti, ankorke kellha tintrattjeni ruhha mid-difiza tal-limitazzjoni tar-responsabbilita` ventilata mis-socjeta` appellanti, ma tarax kif tista' leggerment taccetta illi l-kwantun tad-danni jigi limitat in relazzjoni mal-piz tal-merce, meta hu hekk apparenti fil-fattispeci, illi kien hemm negligenza, razenti l-*wilful misconduct* jew dik ta' l-*equivalent default*, li teskludi din id-difiza."

Kwindi, din il-Qorti jidhrilha li, fil-fattispeci ta' dan il-kaz, ghamlet sew l-ewwel Qorti meta qieset li l-klawsola ta' *limitation of liability* ma kenitx applikabbli, u li, allura, is-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-hlas tad-danni kollha inkorsi mill-atturi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` konvenuta, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------